MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tas-16 ta' Novembru, 2005

Talba Numru. 2094/2004

**Alfred Calleja**

**vs**

**Marilyn Micallef, Paul u Joan sive Jane Micallef**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-5 ta Novembru 2004 fejn intalab li l-konvenuti jigu kkundannati jhalsu lill-attur is-somma ta' disa' mija u hamsin lira Maltin (Lm950) rapprezentanti bilanc minn somma akbar dovuta in konnessjoni ma' prezz relatati mal-hanut "Ta' Monita Self Service" f'Marsascala mibjugha u konsenjata lill-konvenuta Marilyn Micallef skond skrittura datata 6 ta' Ottubru 2003 (Dok A) u liema bilanc kien garantit mill-konvenuti l-ohra Paul u Joan sive Jane konjugi Micallef skond skrittura ohra datata 3 ta Gunju 2004 (Dok B);

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' ittra legali datata 27 ta Ottubru 2004 u tal-mandat ta' qbid numru 2299/04 u bl-imghaxijiet

legali kontra l-konvenuti minn issa ngunti biex jidhru personalment ghas-subizzjoni;

Ra li wara li l-konvenuti kienu gew debitament notifikati fl-1 ta Marzu 2005 huma pprezentaw nota ta' ammissjoni fir-Registru ta' dan it-Tribunal nhar it-13 ta Lulju 2005;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz partikolarment l-ammissjoni precitata tal-konvenuti kollha;

Ghaldaqstant in vista ta' tali ammissjoni ghandu jirrizulta li t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata u kwindi t-Tribunal jilqa' t-talba kif dedotta u jikkundanna lill-konvenuti solidalment bejniethom sabiex ihallsu lill-attur is-somma ta' disa' mija u hamsin lira Maltin (Lm950) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tan-notifika ta' dan l-avviz cioe` mill-ewwel ta' Marzu 2005 u bl-ispejjes ta' dina l-kawza a karigu tal-istess konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------